MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1137/2014

**OCEAN & SKY LOGISTICS LTD (C-35012)**

vs

**MORE SUPERMARKETS (HAMRUN) LTD (C-57252)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-12 ta' Diċembru, 2014, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mija u sebat elef u mija u tmenin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€107,180.21) li tirrapreżenta servizzi ta' "freight forwarding" lilha provduti fuq talba tal-istess kumpannija mħarrka.

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata li fit-2 ta' Marzu, 2015, ressqet Nota għall-finijiet tal-art 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2015, li bih tat lill-kumpannija mħarrka l-fakulta li titħalla tikkontesta l-kawża billi tressaq Tweġiba Maħlufa sa għoxrin jum minn dakinhar;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-partijiet li biha l-kumpannija attriċi naqqset it-talba tagħha għal disgħa u sebgħin elf u tnejn u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€97,032.69) filwaqt li l-kumpannija mħarrka ammettiet it-talba attriċi kif hekk ridotta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** fid-dawl tad-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2015;

2) **Tilqa' it-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' sebgħa u disgħin elf u

tnejn u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€97,032.69) rappreżentanti servizzi ta' "freight forwarding" lilha provduti flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-12 ta' Diċembru, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------